# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 29/2022**

**Illum, 3 ta' Marzu, 2022.**

**Fl-Ismijiet:**

**Sylvana Żammit gja Tanti (KI 366871)**

**vs**

1) **Dr Daniel Attard u l-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina nominati permezz ta' Digriet tad-9 ta' Settembru 2021 bħala kuraturi deputati sabiex jirappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Noel Tanti (ID 274667M)**
2) **Antoine Tanti (KI 378571M)**
3) **George Fenech (KI 203183M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat 31 ta' Jannar, 2022 fejn sintetikament ġie mitlub illi din il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* id-digriet tal-31 ta' Jannar, 2022 fejn laqgħet it-talba għall-iżgumbrament mill-fond hemm indikat skond it-titolu eżekuttiv imsemmi. (Mandat ta' Żgumbrament Nru. 16/2022MH)

Rat ir-risposta ta Sylvana Żammit fejn sostniet it-talba tagħha in sostenn tas-sentenza msemmija fl-atti tal-esekuzzjoni.

Ikkonsidrat:

Illi llum illi l-Qorti għandha stampa iżjed ċara ta' l-istampa u tal-fatti ta' din il-vertenza ssib illi r-rikorrenti għandu raġun.

Tara lli fir-rikors in deżamina hemm ben esposti l-lanjanzi li r-rikorrenti qed jistrieħ fuqhom biex iwaqqaf din l-esekuzzjoni.

Bla tlaqliq il-Qorti tgħid li taqbel mal-istess ma dan iżied ukoll illi meta tara is-sentenza li fuqha tistrieħ din l-esekuzzjoni tara illi l-attriċi llum l-intimata ġiet assenjata in fond *de quo* "bil-kirja u l-ġestjoni tal-ħanut...".

Illi għalhekk jekk Sylvana Żammit trid tikkontesta t-titolu ta' kera għandha tagħmel dan fil-forum appożitu.

**Konsegwentement tilqa' t-talba hekk dedotta fir-rikors ta' George Fenech tal-31 ta' Jannar, 2022 għal revoka u sospenzzjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament 16/2022MH.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**